ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2012**

StudentBounty.com

Rotta

**IL-ĦAMES SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*Ġenerali*) IL-ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

**L-Isem: ___________________________ Il-Klassi: ___________**

**Din il-karta tal-eżami fiha ĦAMES Taqsimiet (A, B, C, D u E). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A: Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma t-tajba:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| nazzjonali | riżorsi naturali | l-ugwaljanza | nukleari | NGOs |
| diskriminazzjoni | integrazzjoni soċjali | servizzi soċjali | ambjent industrijalizzat | is-soċjetà |

1. ___________________________ huma żejt, gass, siġar u minerali.
2. Servizzi li jingħataw b'xejn mill-gvern: ___________________________.
3. ___________________________ hu post fejn hemm ħafna fabbriki.
4. ___________________________ tfisser li kull membru tas-soċjetà jingħata ċ-ċans bi dritt li jipparteċipa b'mod attiv f'dik ___________________________.
5. Meta kulħadd jitqies indaqs ngħidu li teżisti ___________________________.
6. ___________________________ tfisser meta persuna tiġi ttrattata agħar minn ħaddieħor mingħajr raġuni valida.
7. Familja ___________________________ hija waħda magħmula minn missier, omm u t-tfal.
8. Identità ___________________________ tfisser dak kollu li jagħmilna Maltin.
9. Għaqdiet mhux governattivi li jiddependu mill-għajnuna tal-voluntiera u benefatturi sabiex imexxu 'l quddiem il-kawża tagħhom insejħulhom ___________________________.

**(10 marki)**

**TAQSIMA B: Agħżel billi timmarka t-tweġiba t-tajba:**

**1. Esklużjoni soċjali tfisser**

a) tinkludi lil kulħadd
b) tiġi mwarrab mis-soċjetà
ċ) tipparteċipa fis-soċjetà

**2. X'jiġri fiż-żgħożija?**

a) iż-żgħażagħ jibliehu u jisfrattaw
b) iż-żgħażagħ isiru maturi u responsabbli f'daqqa
ċ) iż-żgħażagħ jibdew jiskopru lilhom infushom u x'jixtiequ jagħmlu fil-ħajja.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**3. X'nifhmu meta ngħidu anzjan/a?**

a) xi ħadd marid/marida
b) xi ħadd li ma jimxix mal-moda
ċ) xi ħadd li għandu aktar minn 65 sena

**4. *Global warming* tfisser**

a) iż-żieda fit-temperatura tad-dinja
b) iż-żieda fil-paga
ċ) iż-żieda fl-għoli tal-ħajja

**5. Żvilupp ambjentali huwa**

a) meta niżviluppaw l-artijiet bl-addoċċ
b) żvilupp favur il-ħarsien tal-ambjent
ċ) meta nagħmlu vandaliżmu

**6. *Caritas* taħdem**

a) ma' persuni bil-vizzju tad-droga
b) ma' persuni li jħobbu jiddevertu
ċ) ma' persuni li huma anzjani

**7. Persuni żvantaġġjati huma dawk**

a) li għandhom ħafna flus
b) li għandhom bżonnijiet speċjali
ċ) li m'għandhom bżonn xejn

**8. L-adolexxenza hija**

a) żvilupp fil-bniedem bejn it-tfulija u l-adult
b) żvilupp fil-bniedem adult
ċ) żvilupp fil-bniedem matur

**9. Interdipendenza tfisser**

a) ħadd m'għandu bżonn lil ħadd
b) kulħadd jagħmel li jrid
ċ) kulħadd bżonn xulxin

**10. Ġustizzja soċjali hi**

a) meta persuna tiġi ttrattata ħażin
b) meta tieħu dak li ħaqqek
ċ) meta jkollok problemi soċjali

**(10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima C: Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha fuq karta s**

"Persuni dipendenti għandhom jingħataw l-għajnuna li jeħtieġu biex jaqdu l-bżonnijiet tagħ soċjetà u jgħixu, safejn hu possibli, ħajja indipendenti. Persuna tista' tiddependi fuq ħaddieħor żmien qasir, bħal fil-każ ta' xi inċident jew operazzjoni fl-isptar. Id-dipendenza tista' tkun ukoll tul meta tkun assoċjata max-xjuħija jew ma' diżabbiltà. Id-dipendenza tiġi wkoll mhux biss minħabba mard fiżiku, iżda wkoll minħabba mard mentali. Ħafna kura fit-tul f'Malta fl-imgħoddi kienet tingħata mill-familji ta' persuni dipendenti. L-istili ta' ħajja tal-Maltin għaddew minn ħafna bidliet tul l-aħħar ftit snin. Dawn kellhom, u se jibqa' jkollhom, effett kbir fuq kull tip ta' kura li tingħata mill-familja. Għaldaqstant tfaċċaw ħtiġijiet ġodda u differenti għal servizzi ta' kura fit-tul. Minbarra djar għal dawk li m'għandhomx il-possibbiltà li jirċievu kura minn tal-familja, jew fil-każ ta' persuni li l-ħtiġijiet tagħhom ma jistgħux ikunu moqdija minn qrabathom, hemm bżonn ta' servizzi ta' kura formali bbażata fil-komunità."

**Adattat mir-Rapport Nazzjonali fuq Strateġiji għal Ħarsien Soċjali u Inklużjoni Soċjali, 2008-2010.**

**Mistoqsijiet:**

1. Spjega fil-qosor il-frażi **persuni dipendenti**. Agħti **ŻEWĠ** eżempji. (4)
2. Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' kif persuna tista' ssir dipendenti għal żmien qasir. (2)
3. "Ħafna kura fit-tul f'Malta kienet tingħata mill-familji ta' persuni dipendenti". Taħseb li din it-tip ta' kura għadha tingħata mill-familji? Għid għaliex? (3)
4. X'servizzi oħra jistgħu jingħataw lil dawk li ma jistgħux jgħinuhom tal-familja? Agħti **TLIET** eżempji. (6)
5. Agħti **ERBA**' eżempji ta' kif l-Istat jista' jgħin persuni dipendenti. (8)
6. Kif tista' tgħin lill-persuni dipendenti jgħixu ħajja aħjar? (3)
7. Semmi **ERBA'** djar/ċentri li jgħinu persuni dipendenti. (4)

**(30 marki)**

**Taqsima D: Fuq karta separata, wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

1. Xi tfisser **żgħożija**? Agħti **ERBA'** eżempji ta' kif iż-żgħożija hija żmien ta' avventura u ta' skoperta tad-dinja ta' madwarna. (6)
2. X'tifhem bil-kelma **tniġġiż**? Semmi **ERBA'** modi kif dan jista' jsir. (6)
3. Semmi **TLIET** pajjiżi żviluppati u **TLIET** pajjiżi li qed jiżviluppaw. (6)
4. X'differenza hemm bejn servizzi **kontributorji** u servizzi **mhux kontributorji**. (6)
5. Semmi **TLIET** modi kif tista' tħares l-ambjent ta' madwarna. (6)

**(30 marka)**

**Taqsima E: Agħżel WIEĦED minn dawn it-temi u ikteb madwar 200 kelma dwaru fuq karta separata.**

1. Għaliex il-familja hija kkunsidrata bħala l-aġenzija l-aktar importanti ta' soċjalizzazzjoni tat-tfal? Iddiskuti.
2. "Il-mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa jinfluwenzaw ħafna liż-żgħażagħ". Iddiskuti kif iż-żgħażagħ qed jiġu influwenzati minn dawn il-mezzi.
3. X'tifhem bil-frażi **żvilupp sostenibbli**? Taħseb li f'Malta qed isir żvilupp sostenibbli? Agħti r-raġunijiet tiegħek u ddiskuti x'effetti qed iħalli dan fuq l-ambjent.

**(20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers